# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

## tal-25 ta’ April 2012

## li taħtar Imħallfin u Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja

(2012/244/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati tal-Imħallfin, li ġejjin, tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jiskadu fis-6 ta’ Ottubru 2012: is-Sinjuri Alexander ARABADJIEV, George ARESTIS, Maria BERGER, Jean-Claude BONICHOT, Anthony BORG BARTHET, José Narciso CUNHA RODRIGUES, Carl Gustav FERNLUND, Egidijus JARAŠIŪNAS, Egils LEVITS, Jiří MALENOVSKÝ, Alexandra PRECHAL, Konrad SCHIEMANN, Antonio TIZZANO u Thomas VON DANWITZ; u l-mandati tal-Avukati Ġenerali, li ġejjin, tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jiskadu fl-istess data: is-Sinjuri Yves BOT, Ján MAZÁK, Paolo MENGOZZI u Verica TRSTENJAK.

(2) Il-Gvernijiet tal-Istati Membri pproponew il-ħatra mill-ġdid bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-Sinjuri Alexander ARABADJIEV, George ARESTIS, Maria BERGER, Jean-Claude BONICHOT, Carl Gustav FERNLUND, Egidijus JARAŠIŪNAS, Egils LEVITS, Jiří MALENOVSKÝ, Alexandra PRECHAL, u Thomas VON DANWITZ, kif ukoll il-ħatra mill-ġdid bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-Sur Yves BOT. Barra minn hekk, il-Gvernijiet tal-Istati Membri pproponew il-ħatra tas-Sur José Luís DA CRUZ VILAÇA bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja u l-ħatra tas-Sinjuri Nils WAHL u Melchior WATHELET bħala Avukat Ġenerali tal-istess Qorti. Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati msemmijin hawn fuq sabiex jaqdu d-dmirijiet ta’ Mħallef u ta’ Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(3) Għandhom għalhekk jinħatru ħdax-il Imħallef u tliet Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta’ Ottubru 2012 sas-6 ta’ Ottubru 2018. Il-postijiet li jifdal ta’ tliet Imħallfin u Avukat Ġenerali wieħed tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jimtlew f’data aktar tard,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Dawn li ġejjin huma b’dan maħturin Imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta’ Ottubru 2012 sas-6 ta’ Ottubru 2018:

Is-Sur Alexander ARABADJIEV

Is-Sur George ARESTIS

Is-Sinjura Maria BERGER

Is-Sur Jean-Claude BONICHOT

Is-Sur José Luís DA CRUZ VILAÇA

Is-Sur Carl Gustav FERNLUND

Is-Sur Egidijus JARAŠIŪNAS

Is-Sur Egils LEVITS

Is-Sur Jiří MALENOVSKÝ

Is-Sinjura Alexandra PRECHAL

Is-Sur Thomas VON DANWITZ

2. Dawn li ġejjin huma b’dan maħturin Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta’ Ottubru 2012 sas-6 ta’ Ottubru 2018:

Is-Sur Yves BOT

Is-Sur Nils WAHL

Is-Sur Melchior WATHELET.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta’ April 2012.

*Il-President*

J. TRANHOLM-MIKKELSEN